MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 438/2003

**HSBC BANK MALTA PLC qabel Mid-Med Bank plc, u qabel Mid-Med Bank Ltd 2**

**vs**

**ERIPA COMPANY LTD, debitur principali, (2) Raymond Pace, u (3) Valentina Pace, it-tnejn debituri solidali**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici ippremettiet li s-socjeta' konvenuta Eripa Company Limited hija debitrici versu s-socjeta' attrici fis-somma ta' ghaxart elef erbgha mija tmienja u hamsin lira u sebgha u sebghin centezmu (Lm10,458.77) addebitu fil-kont numru 011-073438-340, u imghax fuq l-istess ammont tat-tmienja fil-mija fis-sena (8%p.a.) mill-4 ta' Jannar 2002 sal-jum tal-effettiv pagament;

Ippremettiet li l-konvenuti l-ohra Raymond Pace u Valentina Pace huma garanti solidali mal-imsemmija socjeta' Eripa Company Limited, debitrici principali, sal-ammont ta' ghaxart elef lira (lm10,000) u imghax fuqha tat-tmienja fil-mija fis-sena (8%p.a.) mit-3 ta' Ottubru, 2002, sal-jum tal-effettiv pagament, liema data tat-3 ta' Ottubru 2002 hija l-jum ta' sitt xhur qabel il-jum tal-*call in* tal-garanzija.

Ippremettiet li dan id-debitu baqa' ma thallasx nonostante interpellazjonijiet ghall-hlas.

Ippremettiet li dan id-debitu huwa cert, likwidu, u dovut, u jinkwadra ruhu fid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12).

Talbet ghalhekk li l-konvenuti ghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:

(1) tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Eripa Company Limited, bhala debitrici principali, thallas is-somma fuq imsemmija ta' ghaxart elef erbgha mija tmienja u hamsin lira u sebgha u sebghin centezmu (Lm10,458.77) bl-imghax tat-8% fis-sena mill-4 ta' Jannar 2002 sal-jum tal-effettiv pagament;

(2) tikkundanna lill-konvenuti l-ohra Raymond Pace u Valentina Pace, it-tnejn bhala garanti solidali, ihallsu s-somma ta' ghaxart elef lira (Lm10,000) fl-imkien mal-imghax tat-8% fis-sena fuq l-istess somma mit-3 ta' Ottubru 2002 sal-jum tal-effettiv pagament, u dan f'kaz li s-socjeta' debitrici principali tibqa' inadempjenti;
(3) tiddeciedi li l-kawza bid-dispensa tas-smiegh skond id-dispost tal-artikoli 167 et seq. tal-Kap. 12.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Jannar 2002 kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta attrici;Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------